KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**L-GĦAXAR KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 18 – IL-ĦAMIS, 23 TA' OTTUBRU 2025**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku (assenti b'apoloġija) |
| | Sur Mario Fenech | Kunsillier |
| | Sa Mary Grace Gusman | Kunsillier |
| | Sur Matthew Fenech | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku Dott Dorian Sciberras talab lis-sedja biex tinżamm minuta silenzju b'rispett tal-ex- Kunsillier Nazzareno Cauchi li serva fis-Sitt Leġiżlatura bejn is-sena 2008-2012.

### 18.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

18.1.1 Il-Kunsill irċieva notifika waħda mingħand il-Viċi Sindku li kienet ser tkun skużata mis-seduta minħabba impenji ta' safar.

### 18.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

18.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (18) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.



Sindku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D, Viċi Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
Kunsillieri (Councillors): Mario Fenech, Matthew Fenech, Mary Grace Gusman

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Kunsillier Matthew Fenech issekonda.

18.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 18.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

18.3.1 Is-Sindku Dott Sciberras esprima d-diżappunt tiegħu dwar is-sitwazzjoni ta' Triq Ġeronimo Abos fejn il-Kunsill kien imwiegħed li ser jitkompla x-xogħol mill-WSC biex l-infrastruttura tal-main sewer jiġi ddevjat lejn Triq San Mikiel biex tissolva darba għal dejjem l-iżbrovv tad-drenaġġ bil-konsegwenza li r-residenti qed ikollhom ibatu minn dan l-inkonvenjent li rridu ngħidu wkoll li huwa ta' detriment għas-saħħa tal-persuna. Is-Sindku huwa kommess li jkompli jaħdem mal-awtoritajiet konċernati inkluż mall-Onor. Ministru Dalli biex dan il-proġett jingħata prijorità u jitkompla mingħajr aktar dewmien.

## 18.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

18.4.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn l-24 ta' Settembru u l-20 t'Ottubru 2025 kif jidher fid-dokumenti A u B.

**COMPLAINTS SHEET (24 September - 20 October 2025)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 282 | 29/09/2025 | Talba biex isiru linji sofor mal-entratura ta' garaxxijiet fi Triq ES Inglott | settled | Triq ES Inglott | **COUNCIL** |
| 283 | 29/09/2025 | Hemm cable tad-dawl mixħut mal-art jisparkja fi Triq il-Luq | settled | Triq il-Luq | **ENEMALTA** |
| 284 | 29/09/2025 | Talba biex jersaq ftit MC line biex ikunu jistgħu jipparkjaw quddiem garaxx 40 Triq Ċ Busuttil | closed | Triq Ċ Busuttil | **COUNCIL** |
| 285 | 30/09/2025 | Ilment fuq infestazzjoni ta' ġrieden fejn parking Triq Klin | pending | Triq il-Klin | **SANITÀ** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 286 | 30/09/2025 | Lampa mitfija L05728 ma 45 Triq il-Ħarruba | settled | Triq il-Ħarruba | **ENEMALTA** |
| 287 | 01/10/2025 | Hemm bozza maqtugħa fuq arblu S011/28 fi Triq il-Ħwawar | settled | Triq il-Ħwawar | **ENEMALTA** |
| 288 | 01/10/2025 | Dan ir-resident qed ikollu leakage tal-ilma ġewwa d-dar meta tagħmel ix-xita | pending | Triq Ġeronimo Abos | **PUBLIC WORKS** |
| 289 | 01/12/2025 | Hemm ġurdien mejjet fi Triq Dott Pawlu Grech | settled | Triq Dott Pawlu Grech | **CLEANSING** |
| 290 | 03/10/2025 | Ilment dwar bankina mkissra bejn is-16 u t-20 fi Triq R Taylor. Ikollha timxi mit-triq meta tkun bil-pushchair | pending | Triq Richard Taylor | **COUNCIL** |
| 291 | 03/10/2025 | Talba biex issir korrezzjoni ta' parking bay fi Triq G Abos | settled | Triq Ġ Abos | **COUNCIL** |
| 292 | 06/10/2025 | Ilment dwar boroż tal-Cleansing u mbarazz ieħor fi Triq GE Mercer | settled | Triq GE Mercer | **CLEANSING** |
| 293 | 07/10/2025 | Din ir-residenta trid li l-cables li ghandha ghaddejjin mill-front taghhom, jitnehhew. | pending | Triq in-Namur c/w Triq il-Plejju | **ENEMALTA/GO/MELITA** |
| 294 | 07/10/2025 | Hemm mutur qed jostakola l-bankina fi Triq Tal-Balal | settled | Triq tal-Balal | **COMMUNITY POLICE** |
| 295 | 06/10/2025 | Hemm bozza tixgħel u titfi quddiem Zarb Coaches li ilha bil-ħsara minn Marzu | pending | Triq Ħal Għargħur | **COUNCIL** |
| 296 | 06/10/2025 | Qed ikun hemm ħafna ġrieden fi Triq Dott Pawlu Grech | closed | Triq Dott Pawlu Grech | **COUNCIL** |
| 297 | 10/10/2025 | Ġurdien mejjet fejn 30 Triq L F Mizzi | reported 1718 | Triq L F Mizzi | **Health** |
| 298 | 13/10/2025 | Talba għal Un/Loading bay quddiem store fi Triq il-Klin | pending | Triq il-Klin | **COUNCIL** |
| 299 | 13/10/2025 | Tappiera maqlugħa fejn ir-Razzett L-Aħmar Triq Wied | Sent email - kienet f postha @ 14.30pm | Triq Wied | **WSC** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 300 | 13/10/2025 | Talba għal roadhump fi Triq in-Namur għax jgħaddu bi speed eċċessiv | pending | Triq in-Namur | **COUNCIL** |
| 301 | 13/10/2025 | Triq ir-Razzet L-Aħmar 2-way talba biex tkun one-way between 7 & 9 am | pending | Triq Razzett L-Aħmar | **COUNCIL** |
| 302 | 14/10/2025 | Talba għal sleeping policeman fi Triq Dun Karm service road c/w Triq G Abos, saret ta' periklu kbir għaliex iduru bi speed eċċessiv | pending | Triq Dun Karm service road | **Infrastructure Malta** |
| 303 | 14/10/2025 | Bozza mitfija L01528 ma' 13 Triq Alfred Gerada | pending | Triq Alfred Gerada | **ENEMALTA** |
| 304 | 15/10/2025 | Hemm għatu ta' tappiera nieqes fi Triq in-Naxxar c/w Triq G Curmi. Xi ħadt għattiha b'kaxxa | settled | Triq in-Naxxar service road | **WSC** |
| 305 | 16/10/2025 | Cover nieqes perikoluż għal passers-by fejn 40 Triq Ċ Busuttil | sent email | Triq Ċ Busuttil | **WSC** |
| 306 | 16/10/2025 | Wire imdendel 'l isfel mir-Razzett L-Abjad, Triq Għargħur | sent email | Triq Għargħur | **GO Plc** |
| 307 | 17/10/2025 | Ilment fuq kuntrattur li ħadem bla permess u ħalla ħafna torba u ħmieġ Triq D Cachia | settled | Triq D Cachia | **Police** |
| 308 | 17/10/2025 | Lampa mitfija fuq arblu L117/28 fi Triq Ċensu Bugeja | pending | Triq Ċensu Bugeja | **ENEMALTA** |
| 309 | 17/10/2025 | Talba għal traffic mirror fi Triq ir-Razzett L-Aħmar, fejn Sqaq | pending | Triq ir-Razzett L-Aħmar | **COUNCIL** |
| 310 | 18/10/2025 | Lampa mitfija fuq arblu L01428 fi Triq il-Luq c/w Triq il-Ħarruba | pending | Triq Luq | **ENEMALTA** |
| 311 | 20/10/2025 | Hemm id-dawl ta' barraTriq Ċ Busuttil u Wesgħa Lewis JB Scicluna mhux jixgħel | settled | Triq C Busuttil/Wesgħa Lewis JB Scicluna | **ENEMALTA** |
| 312 | 20/10/2025 | Hemm id-dawl ta' barra ta' Triq Dwardu Cachia mhux jixgħel | settled | Triq Dwardu Cachia | **ENEMALTA** |
| 313 | 20/10/2025 | Dwal ta' barra Triq il-Wied u Triqil-Ħwawar | settled | Upper Iklin | **ENEMALTA** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 314 | 20/10/2025 | Ilment dwar dħul ta' drenaġġ fil-garaxx tiegħu li qiegħed semi basement fi Triq Ġ Abos | pending | Triq Ġeronimo Abos | **W.S.C** |
| 282 | 29/09/2025 | Talba biex isiru linji sofor mal-entratura ta' garaxxijiet fi Triq ES Inglott | settled | Triq ES Inglott | **COUNCIL** |
| 283 | 29/09/2025 | Hemm cable tad-dawl mixħut mal-art jisparkja fi Triq il-Luq | settled | Triq il-Luq | **ENEMALTA** |
| 284 | 29/09/2025 | Talba biex jersaq ftit MC line biex ikunu jistgħu jipparkjaw quddiem garaxx 40 Triq Ċ Busuttil | closed | Triq Ċ Busuttil | **COUNCIL** |
| 285 | 30/09/2025 | Ilment fuq ġrieden fejn parking Triq Klin | pending | Triq il-Klin | **SANITÀ** |
| 286 | 30/09/2025 | Bozza mitfija L05728 ma 45 Triq il-Ħarruba | settled | Triq il-Ħarruba | **ENEMALTA** |
| 287 | 01/10/2025 | Hemm bozza maqtugħa fuq arblu S011/28 fi Triq il-Ħwawar | settled | Triq il-Ħwawar | **ENEMALTA** |
| 288 | 01/10/2025 | Dan ir-resident qed ikollu leakage tal-ilma ġewwa d-dar meta tagħmel ix-xita | pending | Triq Ġeronimo Abos | **PUBLIC WORKS** |
| 289 | 01/12/2025 | Hemm ġurdien mejjet fi Triq Dott Pawlu Grech | settled | Triq Dott Pawlu Grech | **CLEANSING** |
| 290 | 03/10/2025 | Ilment dwar bankina mkissra bejn is-16 u t-20 fi Triq R Taylor. Ikollha timxi mit-triq meta tkun bil-pushchair | pending | Triq Richard Taylor | **COUNCIL** |
| 291 | 03/10/2025 | Talba biex issir korrezzjoni ta' parking bay fi Triq Ġ Abos | settled | Triq Ġ Abos | **COUNCIL** |
| 292 | 06/10/2025 | Ilment dwar boroż tal-Cleansing u mbarazz ieħor fi Triq GE Mercer | settled | Triq GE Mercer | **CLEANSING** |
| 293 | 07/10/2025 | Din ir-residenta trid li l-cables li għandha għaddejjin mill-front tagħhom, jitneħħew. | pending | Triq in-Namur c/w Triq il-Plejju | **ENEMALTA/GO/MELITA** |
| 294 | 07/10/2025 | Hemm mutur qed jostakola l-bankina fi Triq Tal-Balal | settled | Triq tal-Balal | **COMMUNITY POLICE** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 295 | 06/10/2025 | Hemm bozza tixgħel u titfi quddiem Zarb Coaches li ilha bil-ħsara minn Marzu | pending | Triq Ħal Għargħur | **COUNCIL** |
| 296 | 06/10/2025 | Qed ikun hemm ħafna ġrieden fi Triq Dott Pawlu Grech | closed - rodent treatment | Triq Dott Pawlu Grech | **COUNCIL** |
| 297 | 10/10/2025 | Ġurdien mejjet fejn it-30 Triq Dott L F Mizzi | reported 1718 | Triq Dott L F Mizzi | **Health** |
| 298 | 13/10/2025 | Talba għal Un/Loading bay quddiem store fi Triq il-Klin | pending | Triq il-Klin | **COUNCIL** |
| 299 | 13/10/2025 | Tappiera maqlugħa fejn Razzett L-Aħmar Triq il-Wied | Sent email - kienet f postha @ 14.30pm | Triq Wied | **WSC** |
| 300 | 13/10/2025 | Talba għal roadhump fi Triq in-Namur għax jgħaddu gas down | pending | Triq in-Namur | **COUNCIL** |
| 301 | 13/10/2025 | Triq ir-Razzett L-Aħmar 2-way talba biex tkun one-way between 7 & 9 am | pending | Triq Razzett L-Aħmar | **COUNCIL** |
| 302 | 14/10/2025 | Talba għal sleeping policeman fi Triq Dun Karm service road c/w Triq G Abos, saret ta' periklu kbir għaliex iduru bi speed eċċessiv | pending | Triq Dun Karm service road | **Infrastructure Malta** |
| 303 | 14/10/2025 | Lampa mitfija L01528 ma 13 Triq Alfred Gerada | pending | Triq Alfred Gerada | **ENEMALTA** |
| 304 | 15/10/2025 | Hemm għatu ta' tappiera nieqes fi Triq in-Naxxar c/w Triq G Curmi. Xi ħadt għattiha b'kaxxa | settled | Triq in-Naxxar service road | **WSC** |
| 305 | 16/10/2025 | Cover nieqes fejn 40 Triq Ċ Busuttil | sent email | Triq C Busuttil | **WSC** |
| 306 | 16/10/2025 | Wire imdendel l-isfel mir-Razzett L-Abjad, Triq Gharghur | sent email | Triq Għargħur | **Melita** |
| 307 | 17/10/2025 | Ilment fuq kuntrattur li ħadem bla permess u ħalla ħafna torba u ħmieġ Triq D Cachia | settled | Triq D Cachia | **Police** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 308 | 17/10/2025 | Lampa mitfija fuq arblu L117/28 fi Triq Ċensu Bugeja | pending | Triq Ċensu Bugeja | **ENEMALTA** |
| 309 | 17/10/2025 | Talba għal traffic fi Triq R L-Ahmar, Sqaq ta Miceli Demajo | pending | Triq R L-Aħmar | **COUNCIL** |
| 310 | 18/10/2025 | Lampa mitfija fuq arblu L01428 fi Triq il-Luq c/w Triq il-Ħarruba | pending | Triq il-Luq | **ENEMALTA** |
| 311 | 20/10/2025 | Hemm id-dawl ta' barraTriq Ċ Busuttil u Wesgħa Lewis JB Scicluna mhux jixgħel | settled | Triq Ċ Busuttil/Wesgħa Lewis JB Scicluna | **ENEMALTA** |
| 312 | 20/10/2025 | Hemm id-dawl ta' barra ta' Triq Dwardu Cachia mhux jixgħel | settled | Triq Dwardu Cachia | **ENEMALTA** |
| 313 | 20/10/2025 | Dwal ta barra Triq il-Wied u Triq il-Ħwawar | settled | Upper Iklin | **ENEMALTA** |
| 314 | 20/10/2025 | Ilment dwar dħul ta' drenaġġ fil-garaxx tiegħu li qiegħed semi basement fi Triq Ġ Abos | pending | Triq Ġeronimo Abos | **W.S.C** |

## 18.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

18.5.1 Il-Kunsillier Mario Fenech staqsa dwar il-korrispondenza mibgħuta mic-CRPD dwar in-nuqqas ta' aċċess fir-ramep fejn hemm il-Klinika fi Pjazza Ninu Cremona. Il-Kummissjoni qed tgħid li r-ramep mhumiex smooth u l-gradient mhuwiex wieħed korrett.

Is-Sindku wieġeb li l-każ ġie riferut lill-Awtorità tal-Artijiet għaliex dak li qed tirreferi għalih il-Kummissjoni huwa *government-owned building*. Is-Sindku ikkonkluda li l-Kunsill mhux qed jipprova jfarfar mir-responsabbiltà u l-Kunsill huwa dejjem lest biex jikkopera u jassisti fil-limitazzjonijiet tiegħu.

18.5.2 Il-Kunsillier Mario Fenech staqsa dwar il-korrispondenza mibgħuta mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar l-*outdoor gyms*.

Is-Sindku Dott Sciberras wieġeb li d-Diviżjoni qed tagħmel eżerċizzju u qed tiġbor l-informazzjoni dwar liema lokalitajiet għandhom *outdoor gyms* u fejn talbu li tintbagħat *site plan* ta' fejn jeżistu l-*outdoor gym*, jekk għandux bżonn manutenzjoni jew tibdil tal-equipment, u fejn m'hemmx *outdoor gym*, u l-Kunsill jixtieq iżid *site* oħra, id-Diviżjoni qed jitlob lill-Kunsilli sabiex jidentifikaw sit li jkollu spazju ta' 70m2.

Is-Sindku ikkonkluda li l-Kunsill għandu spazju żgħir fil-ġnien ta' quddiem il-knisja però peress li qed jiġu organizzati l-events f'din iż-żona bħal Festa Fjuri, *Meet & Greet* fi żmien il-Milied, il-Kunsill żamm lura milli jimplimenta *outdoor gym* għax jekk nagħlqu l-ispazji limitati li hemm fil-ġnien, ma jibqax lok biex ikomplu jittellgħu l-attivitajiet futuri. Nittamaw li l-proposta ta' Recreational Park ġdid fil-lokalità jkun jinkludi wkoll *outdoor gym*.

18.5.3 Il-Kunsillier Mario Fenech staqsa jekk kienx hemm żviluppi mill-aħħar seduta tal-Kunsill ma' Project Green?

Is-Sindku wieġeb li l-Konsultazzjoni Pubblika kellha ssir fix-xhar ta' Ottubru u filwaqt li l-Kunsill kien għadda l-informazzjoni mitluba rigward proposta għall-isem tal-Recreational Park, ma kellna l-ebda *feedback* min-naħa ta' Project Green.

## 18.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

18.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

18.6.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Matthew Fenech.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, u l-Kunsillieri Mario Fenech, Matthew Fenech u Mary Grace Gusman.

**(Doc. D anness)**

Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur ProMan Ltd għal xogħlijiet ta' Electrical & plumbing services għall-prezz ta' Eur4,594.66 VAT inkluż għal manutenzjoni tas-Sala tal-Kunsill;

2. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur TenOTwo Creative għal tibdil ta' street names f'Upper L-Iklin għall-prezz ta' Eur649.00 VAT inkluż;
3. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur 5ivestar Printing Services għall-Desk Tent Calendars 2026 għall-prezz ta' Eur336 VAT inkluż;
4. Kwotazzjoni mingħand Vella Falzon Building Supplies Ltd għall-parquet style tiles & sanitary ware għas-Sala tal-Kunsill għall-prezz ta' Eur4,669.71 VAT inkluż;
5. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Koptasin għall-puġġaman għall-prezz ta' Eur601.80 VAT inkluż;
6. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Matter & Core Design Studio għall-3D Nativity Qty. 200 għall-Meet&Greet għall-prezz ta' Eur413 VAT inkluż;
7. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Gwilym Bugeja għal Special Christmas Magic Show għat-tfal għall-prezz ta' Eur140.00 VAT inkluż;
8. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Għaqda tan-Nar San Mikiel għall-kiri ta' tiżjin tal-Milied għall-prezz ta' Eur1,000 VAT inkluż;
9. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur TenoTwo Creative għal xena tan-Nativitá biex tintrama fi Triq Ġeronimo Abos għall-prezz ta' Eur1,486.80 VAT inkluż;
10. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Caruana Light Décor għall-kiri ta' tiżjin tal-Miled fi Pjazza Ninu Cremona għall-prezz ta' Eur2,725.80 VAT inkluż;

## 18.7 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

18.7.1 Ma kienx hemm applikazzjonijiet.

## 18.8 FESTA FJURI 2026

18.8.I Is-Sindku Dott. Sciberras fetaħ id-diskussjoni dwar l-attività kulturali annwali Festa Fjuri 2026.

18.8.2 Il-Kunsillier Mary Grace Gusman issuġġeriet li tiġi ffissata d-data Tal-attività biex il-Kunsill ikun jista jippjana aħjar.

18.8.3 Wara diskussjoni wiesgħa, kien hemm qbil li d-data tentattiva tal-attività kulturali Festa Fjuri tiġi organizzata f'April proprju s-Sibt 25 t'April.

18.8.4 Is-Sindku Dott Sciberras qal li jkun tajjeb li l-Kunsill ikompli jibni fuq l-edizzjonijiet passati filwaqt li joħroġ b'idejat innovattivi anke fejn tidħol l-Intelliġenza Artifiċjali, kunċett ġdid li b'xi mod nallaċċaw l-ambjent mal-IA anke bl-għajnuna tad-Dipartiment tal-Intelliġenza Artifiċjali fl-Università ta' Malta.

18.8.5 Ġiet diskussa l-infiorata u anke l-possibiltà li nesploraw ħsieb differenti fosthom il-ħsieb ta' *landscaping* u ħarġet ukoll l-ideja li ssir distribuzzjoni ta' żerriegħa lir-residenti kollha tal-lokalità.

18.8.6 Is-Sindku Dott Sciberras qal li din l-attività kulturali waslet f'punt fejn il-Kunsill għandu jaħtar Direttur Artistiku biex inkomplu nelevaw il-livell ta' din l-attività. *Nem con.*

18.8.7 Fl-aħħarnett, kien hemm qbil unanimu li l-attività tittella fi Ġnien Pjazza Ninu Cremona u Triq Ġużè Ellul Mercer wara s-suċċess miksub f'Mejju li għadda. Aktar żviluppi jingħataw fis-seduta li jmiss tal-Kunsill.

## 18.9 PROGRAMM TAL-FESTI NATALIZJI U AWTORIZAZZJONI TAL-ISPEJJEŻ

18.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ippreżenta l-programm propost tal-festi natalizji..

18.9.2 Imbagħad is-Sindku Dott Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Mary Grace Gusman biex jawtorizzaw il-programm u jawtorizzaw l-ispejjeż relatati mall-programm tal-festi natalizji 2025.

18.9.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem con.*

## 18.10 RAPPORT DWAR SIĠRA EŻISTENTI FI TRIQ ANTON BUTTIGIEG

18.10.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa li l-Kunsill kien ikkummissjona espert fis-settur biex jispezjona s-sit in kwistjoni u jħejji rapport dwar speċi li tinsab fi Triq Anton Buttigieg.

18.10.2 Is-Sindku Dott Sciberras ippreżenta r-rapport fuq il-mejda għad-diskussjoni. Mill-punto di vista ta' arborista, l-espert qed jagħti rakkomandazzjoni biex isir heavy pruning u jsir *root barrier* biex ikunu jistgħu isiru x-xogħlijiet. Ir-rapport isemmi li din l-ispeċi li għandha madwar 80 sena tista tiġi salvata.

18.10.3 Is-Sindku Dott Sciberras ikkonkluda li dan ir-rapport għandu jintbagħat lill-Public Works għall-kunsiderazzjoni tal-Perit u t-tim tiegħu. Is-Sindku qal li kien importanti li ssir *site co-ordination meeting* fl-immedjat u jkunu preżenti l-*istakeholders* kollha biex forsi naslu.

18.10.4 Is-Segretarju Eżekuttiv se jkun qed jikkomunika mall-Perit tal-Public Works biex naraw it-triq 'il quddiem. Fakkar li l-Public Works kien assenja żewġ kuntratturi biex jesegwixxu x-xogħlijiet iżda irtiraw minn dan il-proġett għal raġunijiet varji.

## 18.11 RAPPORT AMMINISTRATTIV GĦAS-SENA 2024

18.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Amministrattiv imħejji mis-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2024 għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni.

18.11.2 Imbagħad is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondat mill-Kunsillier Fenech biex japprovaw dan ir-rapport.

18.11.3 Ir-Rapport Amministrattiv kien approvat *nem con.*

**(Ara dok. E)**

## 18.12 LAQGĦA TAL-LOKALITÀ

18.12.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa li skont Artiklu 70, il-Kunsill għandu jsejjaħ laqgħa annwali tal-lokalità li għandha tinżamm sa mhux aktar tard mill-ħmistax (15) ta' Diċembru ta' kull sena sabiex jippreżentaw l-estimi finanzjarji qabel il-laqgħa tal-Kunsill li fiha l-Kunsill ikun ser jikkunsidra l-estimi għas-sena finanzjarja 2026.

18.12.2 Wara diskussjoni, kien deċiż li l-laqgħa tal-lokalità tiġi skedata għal nhar il-Ħamis 11 ta' Diċembru fis-6:00 p.m. u ssir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill peress li bħalissa għaddejjin xi xogħlijiet ta' rinnovar fis-Sala tal-Kunsill.

18.12.3 Il-Kunsill iddeċieda li l-Laqgħa tal-Lokalità tinżamm wara s-seduta tal-Kunsill. *Nem con.*

**18.13 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

18.13.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 25 ta' Novembru 2025 fil-5.30 pm.

18.13.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Novembru 2025 fil-5.30 pm.

18.13.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.50 p.m.

| | |
|---|---|
| **Dott Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |